**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Lulju 2021**

Rikors Numru: 410/20 AL

A B

vs

C D

(M.R. numru 1476/1987)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti żżewġu nhar il-ħamsa (5) ta' Settembru elf disgħa mija u sebgħa u tmenin (1987) (Dok C);

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo datat sebgħa (7) ta' Diċembru elf disgħa mija u ħamsa u disgħin (1995) Dok A.

3. Illi t-tfal twieldu minn dana ż-żwieġ, illum huma maġġiorenni.

4. Illi ma hemm l-ebda pendenza ta’ manteniment bejn il-kontendenti;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġionevoli illi ikun hemm rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi snin jgħixu separatament għal aktar minn ħamsa u għoxrin (25) sena, u presenzjalment it-tnejn għandhom il-ħajja separata tagħhom;

6. Illi l-fatti su riporati jissodisfaw il-kwesiti għall-ottjeniment tal-ħall miż-żwieġ a tenur ta’ artikoli 66A et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-digriet tad-divorzju sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta’ Dicembru, 2020;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Dicembru 1995;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.